

Emenda 15**Jorge Buxadé Villalba**

f' isem il-Grupp ECR

Gilles Lebreton, Jean-Paul Garraud**Proposta għal rakkomandazzjoni****B9-0260/2023****Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti**

Investigazzjoni tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni**Premessa R***Proposta għal rakkomandazzjoni**Emenda*

R. billi r-rivelazzjonijiet **urew** żewġ kategoriji ta' miri ta' software ta' spjunaġġ fi Spanja; billi l-ewwel waħda tinkludi l-Prim Ministru u l-Ministru tad-Difiża, il-Ministru tal-Intern u uffiċjali għoljin oħrajn; billi t-tieni kategorija hija parti **minn dik li tissejjaħ “Catalangate” mill-organizzazzjoni Citizen Lab. u tinkludi 65 persuna fil-mira, inkluż figuri politiċi mill-Gvern Reġjonali tal-Katalonja, Membri tal-moviment favur l-indipendenza pro-Katalan, MEPs, avukati, akkademiċi u atturi tas-soċjetà ċivili**; billi l-awtoritajiet Spanjoli ammettew f'Mejju 2020 li 18-il persuna kienu fil-mira b'awtorizzazzjoni ġudizzjarja, għalkemm s'issa għadhom ma żvelawx il-mandati jew ebda informazzjoni oħra, billi invokaw is-sigurtà nazzjonali meta taw rendikont għall-użu ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza fi Spanja; billi 47 persuna oħra wkoll allegatament kienu fil-mira, iżda ma rċevew l-ebda informazzjoni oħra għajr dik mingħand Citizen Lab;

R. billi r-rivelazzjonijiet **identifikaw** żewġ kategoriji ta' miri ta' software ta' spjunaġġ fi Spanja; billi l-ewwel waħda tinkludi l-Prim Ministru u l-Ministru tad-Difiża, il-Ministru tal-Intern u uffiċjali għoljin oħrajn; billi t-tieni kategorija hija parti **mill-investigazzjonijiet dwar l-attentat ta' kolp ta' stat fi Spanja fl-2017**; billi l-awtoritajiet Spanjoli ammettew f'Mejju 2020 li 18-il persuna kienu fil-mira b'awtorizzazzjoni ġudizzjarja, għalkemm s'issa għadhom ma żvelawx il-mandati jew ebda informazzjoni oħra, billi invokaw is-sigurtà nazzjonali meta taw rendikont għall-użu ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza fi Spanja; billi 47 persuna oħra wkoll allegatament kienu fil-mira, iżda ma rċevew l-ebda informazzjoni oħra għajr dik mingħand Citizen Lab; **billi Citizen Lab qatt ma kellu aċċess għall-apparat allegatament infettat u xi wħud mill-investigaturi tiegħu huma konnessi mal-moviment Katalan favur l-indipendenza**;

Or. en

Emenda 16**Jorge Buxadé Villalba**

f' isem il-Grupp ECR

Proposta għal rakkomandazzjoni**B9-0260/2023****Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti**

Investigazzjoni tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni**Paragrafu 22 – punt a***Proposta għal rakkomandazzjoni**Emenda*

(a) twettaq investigazzjoni sħiħa, ġusta u effettiva, li fiha tiġi pprovduta ċarezza sħiħa dwar il-każijiet kollha allegati ta' użu ta' software ta' spjunaġġ, **inkluż is-47** każ li dwarhom għadu mhux ċar jekk l-individwi kkonċernati sfawx fil-mira **tal-Aġenzija Nazzjonali** Spanjola **tal-Intelligence (CNI) b'ordni tal-qorti jew le, jew jekk xi awtorità oħra kinitx irċeviet ordnijiet mill-qorti biex twettaq sorveljanza fuqhom legalment**, kif ukoll dwar l-użu ta' software ta' spjunaġġ kontra l-Prim Ministru u membri tal-gvern, u tippreżenta s-sejbiet b'mod kemm jista' jkun wiesa', f'konformità mal-liġijiet applikabbli;

(a) twettaq investigazzjoni sħiħa, ġusta u effettiva, li fiha tiġi pprovduta ċarezza sħiħa dwar il-każijiet kollha allegati ta' użu ta' software ta' spjunaġġ, **inklużi s-47** każ li dwarhom għadu mhux ċar **saħansitra** jekk l-individwi kkonċernati sfawx fil-mira **tal-awtoritajiet** Spanjola, kif ukoll dwar l-użu ta' software ta' spjunaġġ kontra l-Prim Ministru u membri tal-gvern **li setgħu kienu vittmi ta' rikatt mill-Marokk**, u tippreżenta s-sejbiet b'mod kemm jista' jkun wiesa', f'konformità mal-liġijiet applikabbli;

Or. en

7.6.2023

B9-0260/17

Emenda 17

Jorge Buxadé Villalba

f' isem il-Grupp ECR

Gilles Lebreton, Jean-Paul Garraud

Proposta għal rakkomandazzjoni

B9-0260/2023

Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Investigazzjoni tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni

Paragrafu 22 — punt b

Proposta għal rakkomandazzjoni

Emenda

(b) tipprovdi aċċess xieraq lill-persuni mmirati għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja maħruġa mill-Qorti Suprema *lis-CNI* biex tagħmel sorveljanza ta' 18-il persuna;

(b) tipprovdi aċċess xieraq lill-persuni mmirati għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja maħruġa mill-Qorti Suprema *lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Intelligence Spanjola (CNI)* biex tagħmel sorveljanza ta' 18-il persuna *f'konformità mal-liġi nazzjonali u filwaqt li jitqies it-tħassib dwar is-sigurtà nazzjonali;*

Or. en

7.6.2023

B9-0260/18

Emenda 18

Jorge Buxadé Villalba

f' isem il-Grupp ECR

Gilles Lebreton, Jean-Paul Garraud

Proposta għal rakkomandazzjoni

B9-0260/2023

Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Investigazzjoni tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni

Paragrafu 22 – punt d

Proposta għal rakkomandazzjoni

Emenda

(d) tibda r-riforma tal-qafas legali tas-CNI, kif imħabbar f'Mejju 2022;

imħassar

Or. en

7.6.2023

B9-0260/19

Emenda 19

Jorge Buxadé Villalba

f' isem il-Grupp ECR

Gilles Lebreton, Jean-Paul Garraud

Proposta għal rakkomandazzjoni

B9-0260/2023

Kumitat ta' Inkjesta biex jinvestiga l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Investigazzjoni tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni

Paragrafu 22 – punt e

Proposta għal rakkomandazzjoni

Emenda

(e) tistieden lill-Europol, li tista' tikkontribwixxi b'kompetenza tekniku, biex tissieħeb fl-investigazzjonijiet;

imħassar

Or. en